FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 12 TA’ APRIL 2016

Il-Pulizija

Spettur Daryl Borg

vs

Roanna Mallia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata detentur ta’ karta tal-identita’ bin-numru 508090M akkuzata talli nhar it-08 ta’ Mejju 2015 bejn nofsinhar u siegha ta’ wara nofsinhar, gewwa l-venda tal-Floriana, il-Belt Valletta u f’dawn il-Gzejjer:

1. ikkomettiet serq ta’ katiera bi flus kontanti, dokument u oggetti ohra ghad-dettriment ta’ James Scerri u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. bil-hsieb li taghmel delitt, cioe’ serq ta’ flus kontanti mill-ATM tal Bank APS sitwata fi-Triq ir-Republika, Belt Valletta, ghad-dannu tad-dirigenti tal-Bank APS, James Scerri u/jew persuni ohra, wriet dan il-hsieb b’atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 41 (1)(a);
3. talli fil-lejl ta’ bejn it-08 ta’ Mejju 2015 u id-9 ta’ Mejju 2015 gewwa l-istabbiliment “Subway”, Triq l-Ordinanza, Belt Valletta u f’dawn il-Gzejjer ikkommettiet serq ta’ flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-persuna u bil-valur li jeccedi €232.94 izda mhux €2,239.37 ghad-detriment ta’ Gerald Darmanin u/jew ta’ persuna/i ohra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputata tammetti l-akkuzi fuq liema insistiet  anka meta l-Qorti taghta zmien tirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibha  u tiddikjarha hatja.

Rat l-Artikoli 284, 41(1)(a), 261 (b)(c)(d)(f),  263, 267, 268, 278(3), 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Tiddeciedi li tapplika kontra l-imputata l-Artikolu 22 tal-Kap 446 b'dan li tilliberha kondizzjonatament li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mill-lum. Kif ukoll bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 H tal-Kap 9 tordnala thallas is-somma ta' € 1100 lid-derubati fi zmien sitt xhur.

Il-Qorti spjegat lill-imputata  ir-responsabilitajiet taghha skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat